# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1233

Kaz Nru 1502

Fil-kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Emanuel Bugeja
u
Johann Said – Giorgio Aluminium Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Data: 31 ta' Ottubru 2001

**Chairman: is-Sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fid-9 ta' Jannar 2001 b' riferenza MSP/TI/2001 u dana wara li l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici f'isem Emanuel Bugeja kien kiteb lill-Onorevoli Ministru fl-4 ta' Jannar 2001 fejn gharraf lill-istess Ministru li l-klijent tieghu kien gie illicenzjat ingustament mill-impieg minn Johann Said ghan-nom tad-ditta Giorgio Aluminium Ltd . Din is-socjeta`, li kienet rapprezentata mill-Avukat Beppe Fenech Adami, irritjeniet li l-licenzjament kien ghal raguni valida. Inzammu tmien seduti.

## 2. Fatti tal-Kaz

Is-Sur Emanuel Bugeja, l-Appellant, fl-24 ta' Novembru 2000 gie licenzjat mill-impieg tieghu bhala *aluminium fitter* mid-ditta Giorgio Aluminium Co. Ltd ghax allegatament kien jidhol tard ghax-xoghol, jirrifjuta l-*overtime*, jahdem bil-mod hafna u jirrifjuta li jerfa' x-xoghol ghax kien jilmenta minn ugiegh f'daharu. L-Appellant jirritjeni li kien jirrapporta ghax-xoghol tard eccezzjonalment, li kien qabel mall-principal tieghu li ma jaghmilx xoghol barra minhabba f'daharu, li mhux obbligat li jahdem *overtime* u li dejjem qeda' dmiru sewwa tant li gie licenzjat propju granet wara li temm posittivament il-perijodu ta' *probation*.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Il-kaz kollu ma jinpernjax ruhu fuq xi incident wahdani li gieghel lis-Socjeta` Appellata li tezercita s-sanzjoni estrema ta' licenzjament. Li ried jigi ezaminat mit-Tribunal biex jara jekk dan il-licenzjament sarx ghal raguni gusta u sufficjenti kien l-imgieba tal-Appellant ma' tul it-tliet xhur li ghamel jahdem qabel ma gie imkecci. Irid jinghad li waqt is-smiegh tal-kaz irrizulta li l-Appellant kien gie propost ghax-xoghol mill-ETC u ghaldaqstant ma giex impjegat direttament. Dana bl-ebda mod ma jirrifletti fuq il-kapacita tieghu fis-sengha li kien jezercita. Anzi irrizulta mix-xhieda li l-Appellant kien kapaci ghax-xoghol. Li jhasseb xi ftit lit-Tribunal huwa l-fatt li l-Appellant jidher li ghamel xi kundizzjonijiet qabel ma beda' jahdem. Dana li per ezempju ma kienx ikun lest li jahdem *overtime.* Is-sitwazzjoni familjari tieghu, li minhabba li l-mara tahdem jrid jiehu hsieb l-iskola tat-tfal u ragunijiet simili jindikaw li kien qed jissogetta l-hidma tieghu ghal dawn l-ezigenzi familjari. Naturalment ma hemm xejn hazin li kap tal-familja jiehu hsiebha izda meta dan jintrometti ruhu persistentement fuq il-hidma tieghu fuq il-post tax-xoghol jaghti lok ghal thassib. Per ezempju jirrizulta car li l-Appellant kien abitwalment jirrapporta tard ghax-xoghol bl-iskuza li jkun hemm it-traffiku. Dana minkejja twissijiet ripetuti tal-principal tieghu. Kundizzjoni ohra li jidher li ghamel l-Appellant kien li ma ridx jahdem barra minhabba fl-istat ta' daharu. Irrizulta li gieli kien mitlub u fil-fatt ghamel xoghol fuq barra izda li izzid kundizzjoni ohra meta tkun se tigi mpjegat juri li l-Appellant ma kienx fi hsiebu jassumi r-responsabbiltajiet tieghu kollha. Ma' tul il-kaz ma gie prezentat l-ebda certifikat mediku jew xi forma ta' evidenza tal-allegata tbatijja li kien isofri minnha l-Appellant. Anzi rrizulta li xi drabi kien hemm rifjut minnu li jerfa' affarijiet li huma verament hfief li jinghad li f'xi kazi setghu jintrefu' sahansitra b'saba' wiehed.

Dan it-Tribunal stqarr kemm il-darba li l-kuntratt tax-xoghol jaghti certi drittijiet lill-kontraenti izda jorbothom ukoll b'certi obbligi. Irrizulta carament li l-Appellant bl-imgieba tieghu kien qed jonqos serjament mill-obbligi tieghu li jsegwi l-ordnijiet tal-principal tieghu li ghandu d-drtitt tat-tmexxija tal-azjenda u l-obbligu lejn l-azzjonisti li jara li t-tmexxija tieghu tkun redditizja. Dana s'intendi mal-obbligu l-iehor li jara li kull haddiem jerfa' il-piz gust tal-impieg tieghu ghaliex jekk thalli impjegat wiehed jillaxka fid-doveri tieghu l-piz fuq shabu l-ohra se jizdied. Dana barra mill-effett hazin fuq id-dixxiplina generali tal-post tax-xoghol.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi billi jsib li l-licenzjament ta' Emanuel Bugeja kien ghal raguni gusta u sufficjenti.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiert ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja